# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA, 10 TA' SETTEMBRU, 1996

Avviz Nru.296/96

Raymond S. Sciberras ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Kummercjali Ray Grand Limited

vs

Patrick Sammut Ghigo

It-Tribunal:

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-14 ta' Gunju, 1996, fejn intalab: il-hlas ta' tmienja u sebghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm78.50), liema somma hi l-ammont totali ta' tlett cheques Dok A, B, C, migbudin fuq il-Mid Med Bank Ltd u pagabbli lis-socjeta' attrici, u li ma thallsux mill-Bank u gew ritornati lis-socjeta' attrici bil-kumment 'refer to drawer' u 'account closed', salv l-imghax ulterjuri mis-7 ta' Dicembru, 1995 sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-4 ta' Marzu, 1996 (Dok D) u tal-ittra ufficjali tat-12 ta' April, 1996, (Dok E) mibghuta lill-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta fir-rigward u lanqas ma deher meta msejjah.

Semgha d-dikjarazzjoni ta' Dr Mario Caruana li l-ammont intier ghadu dovut

Ha konjizzjoni tad-dokumenti ezebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra li:

Li jirrizulta soddisfacentement pruvat li l-ammont ghadu dovut.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jiddeciedi:

li jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Tmienja u Sebghin Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm78.50) kif inghad, kif ukoll l-imghax mis-7 ta' Dicembru, 1995 sal-effettiv pagament, u l-ispejjez tal-ittra bonarja tal-4 ta' Marzu, 1996, u tal-ittra ufficjali tat-12 ta' April, 1996.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-ligi.

Dr. Joseph Refalo LL.D.
Gudikatur.

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.